**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

# LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Is-7 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2013 fl-4:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

## Aġenda

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Bini Amministrattiv Ġdid tal-Kunsill Lokali**
4. ***Bye-Laws* mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi**
5. **Rapport ta' Ħidma mill-Kunsillieri – Marzu sa Settembru**
6. **Jum Il-Qrendi**
7. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
8. **Finanzi**
9. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-7 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru 2013 fl-4:30 ta' wara nofsinhar fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tas-7:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi-Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

1. **<u>QARI TAL-MINUTI</u>**

1.1 Il-Minuti tas-6 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

2. **<u>KORRISPONDENZA</u>**

2.1 Inqrat Memo 21/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 21/2013 – Linji Gwida dwar Telefon Ċellulari tal-Kunsilli Lokali.**

2.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li fil-preżent m'hemmx bżonn li l-Kunsill ikollu l-linja tiegħu tal-*mobile*.

2.2 Inqrat Memo 22/2013, mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI – Memo 22/2013 – Elezzjoni tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Estensjoni tat-Terminu tal-*Pool* tas-Segretarji Eżekuttivi.**

2.4 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Elezzjoni biex jinħatar Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali.**

2.5 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tħaris tal-Att dwar Kunsilli Lokali, tal-Kodiċi ta' Etika għar-Rappreżentanti Eletti tal-Gvern Lokali u tal-Kodiċi ta' Etika għall-Impjegati fis-Settur Pubbliku.**

2.6 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Tlett Avviżi għall-Istampa: *non-Maltese EU Citizens residing***

***in the Maltese Islands* – reviżjoni tar-Reġistru Elettorali għall-Elezzjoni Ġenerali.**

2.7 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: *Project Development Workshop for Cultural Operators* – 11-12 ta' Settembru 2013.**

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Kontijiet tal-ħlas tal-liċenzji tan-negozju dovuti għas-sena 2013.**

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Jeanne Marie Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***URGENT – PPCD Conference – Assessing Opportunities for the 2014 – 2020 Programming Period.***

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina mill-i*Schemes Unit*, bit-titlu **Memo 38 – Attivitajiet Kulturali.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Isabella Camilleri Aquilina mill-i*Schemes Unit*, bit-titlu ***Prospectus for Lifelong Learning Courses.***

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 56/2013 – Laqgħat fuq il-*Youth in Action Programme.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 57/2013 – Laqgħa għas-Sindki – 27 u 28 ta' Settembru 2013 – Lukanda Dolmen, Qawra.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 58/2013 – Tibdil fid-Data u l-Post tal-Laqgħa ta' Diskussjoni: Sehemek Lejn Arja Aktar Nadifa.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bit-titlu **Ċirkulari AKL Ċirk 61/2013 – L-Impjant il-Ġdid tal-Gass f'Delimara.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Jimmy Magro, Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali bit-titlu **Is-Servizz tas-Saħħa fil-Komunita'.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Gatt, President tal-ANSEK, bit-titlu **Parteċipazzjoni fil-*Caritas Trail.***

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun tan-Nofsinhar, dwar l-Eco Wardens.

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Elizabeth Vassallo mir-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Stedina mir-Reġjun Nofsinhar – lill-Viċi-Sindku u Kunsilliera.**

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu **M125.**

2.20.1 Is-Sindku David Schmebri qal li min-naħa tal-GAL Xlokk iridu jaraw min huma l-*full time* u *part time farmers*.

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A2 – Capital Investment to support Artisinal Agricultural Activity.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A5 – Embellishment Projects.***

2.22.1 Is-Sindku qal li rridu naraw jekk hemmx bżonn ċertu permessi sabiex innaddfu ż-żona t'Għajn ix-Xemx u dan biex ikollna kollox konformi mar-rikjesti ta' din il-Miżura.

2.22.2 Semma' wkoll Triq San Niklaw fejn hemm barriera u magħha hemm ħajt li fuqu qiegħed jintefa' ħafna ħmieġ.

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria Zammit, Segretarja tal-Kumitat Olimpiku Malti, bit-titlu ***MOC Local Council Sports Award 2013.***

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Olympia Sant, bit-titlu ***Aerobics.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr. Ronald Cuschieri tal-ELC, bit-titlu ***Qrendi – Embellishment* Triq Antonio Chircop (QETAC02.13).**

2.25.1 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali għandu din il-kwotazzjoni quddiemu u għalkemm hu personali jixtieq li dan il-proġett isir, hemm involuta s-somma ta' €28,000.

2.25.2 Żied li l-idea ta' dan il-Kunsill Lokali mill-ewwel kienet li jieħu ħsieb din iż-żona kif ukoll l-istatwi kollha li jinstabu fil-Qrendi.

2.25.3 Qal li dwar l-istatwi se nsibu għajnuna mill-Ministeru għat-Turiżmu u x-xogħol fuqhom suppost għandu jibda sa mis-sena d-dieħla.

2.25.4 Spjega kif il-Kunsill Lokali mhux se jkun qiegħed jonfoq spejjeż fuq dan ir-restawr għax se jkun responsabilita' tar-*Restoration Unit*.

2.25.5 Is-Sindku reġa' rrefera għall-kwotazzjoni li għandu quddiemu l-Kunsill Lokali u qal li din tinkludi t-tank tal-ilma kif ukoll is-sistema ta' *drip irrigation*.

2.25.6 Qal li l-Kunsill irid janalizza u jara liema xogħol bilfors irid isir u liema xogħol jista' jiġi evitat.

2.25.7 Spjega kif is-sistema ta' *drip irrigation* waħedha se tiġi tiswa madwar €8,500.

2.25.8 Żied li fl-opinjoni tiegħu, l-ħamrija preżenti m'għandiex tinbidel u l-Kunsill Lokali għandu jara x'iżomm u ma jżommx mill-kwotazzjoni preżenti.

2.25.9 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li forsi jkun aktar għaqli li nġibu kwotazzjonijiet oħra sabiex naraw liema tkun l-aktar kwotazzjoni vantaġġuża.

2.25.10 Ġie maqbul li din il-materja se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Chris Cauchi bit-titlu **Laqgħat ta' diskussjoni – Ministeru tal-Familja.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Naudi, *EU Fund Officer* fil-*Paying Agency*, bit-titlu ***Savings on M313 & M323 Projects.***

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Julian Zarb, Direttur fil-Ministeru għat-Turiżmu, bit-titlu ***Invitation to Meeting to Discuss and Resolve the Difficulties and Issues in Promoting the Itineraries for Local Councils.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Audrey Testaferrata Denoto, Direttur fi Transport Malta, bit-titlu **Talba għal Sinjal Isfar faċċata ta' Garaxx.**

2.29.1 Il-Kunsill Lokali tkellem l-ewwel dwar il-problema preżenti fi Triq it-Torri x'ħin tkun ħiereġ minn Triq is-Salvatur.

2.29.1a Wara diskussjoni l-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li fil-preżent ikun għaqli jekk is-sitwazzjoni titħalla kif inhi.

2.29.2 Dwar talba li saret għal parkeġġ riservat għat-tabib fi Triq San Nikola.

2.29.2a Il-Kunsill Lokali ħareġ bid-deċiżjoni li fil-preżent jibqa' kollox kif inhu minħabba li qatt ma saret talba formali minn tabib li jara f'din il-klinika partikolari.

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Perit Anthony Bezzina bit-titlu ***Surface Reinstatement icw Trenching Works in Service Road at*** **Triq it-Tempesta, Qrendi.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marika Podda Connor, *Charge Nurse* fid-Dipartiment għas-Saħħa Primarja, bit-titlu ***Local Councils – Influenza Vaccine.***

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Surġent Carolyn Marmara' Jacono bit-titlu ***Meeting with Drug Squad.***

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Beverly Saliba, *Secretariat Officer* fis-Segretarjat Parlamentari għar-Riċerka, Innovazzjoni, Żgħażagħ u Sport, bit-titlu ***European Move Week.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carlo Stivala, *Secretariat Officer* fis-Segretarjat għall-Ministeru tal-Finanzi, bit-titlu ***Ministry for Finance.***

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Amanda Cassar, *Research Analyst* fil-Ministeru għall-Ekonomija, Investimment u Intrapriżi Żgħar, bit-titlu **Premju Ġieħ l-Artiġjanat Malti.**

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Maria J Farrugia, *Education Officer* fil-WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***European Week for Waste Reduction – 16th-24th November 2013.***

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Robert Cutajar, Prinċipal fid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali, bit-titlu **Mid-Direttorat tal-Ħarsien tal-Annimali *(Animal Welfare).***

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Daniela Mifsud, *Secretariat Officer* fil-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali, bit-titlu **Stedina.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-*MEUSAC Team* bit-titlu ***YIA Programme Information Sessions.***

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Roberta Apap, Ko-ordinatur tal-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli bit-titlu **Diskussjoni Pubblika – Sehemek: Lejn Arja Aktar Nadifa.**

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mill-Ispettur Michael Mallia mid-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali, bit-titlu ***Surveillance Cameras.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Roberta Schembri, Direttur Operattiv ta' M-Quip, bit-titlu ***M Quip Co Ltd I Totem Kiosk.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Tony Bajada, Assistent Prinċipal f'WasteServ Malta Ltd., bit-titlu ***Bulky Refuse.***

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Marthese Baldacchino mill-MEPA, bit-titlu ***UIF Statement of Funds.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Baldacchino mill-*Water Services Corporation*, bit-titlu **Tibdil ta' Main tal-ilma ġewwa l-Qrendi.**

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Ivan Mifsud mill-*Water Services Corporation,* bit-titlu ***Proposed Infrastructural Works by Local Council.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Liliana Camilleri, Maniġer ta' Xarabank, bit-titlu **FW:**

2.47.1 Is-Sindku qal li bħala Kunsill Lokali se nkunu qed nattendu għall-programm Xarabank li se jixxandar nhar il-Ġimgħa 11 t'Ottubru 2013.

2.47.2 Spjega kif nhar il-Ġimgħa li ġej Peppi Azzopardi flimkien ma' Liliana Camilleri se jiġu l-uffiċċju tal-Kunsill Lokali sabiex ikellmu lil xi persuni li mbagħad jitkellmu waqt il-programm dwar xi sitwazzjoni jew xogħol li jagħmlu.

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles Stroud bit-titlu **Teatri.**

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Charlene Mercieca Magro minn GreenPAK, bit-titlu ***Treasures for Inspire Project.***

2.50 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Owen Galea, *Secretariat Officer* fis-Segretarjat Parlamentari għad-Drittijiet tal-Persuni b'Dżabilita' u l-Anzjanita' Attiva, bit-titlu **Kors tal-Kompjuter b'xejn għall-Anzjani.**

2.51 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Carmel S. Micallef, Prinċipal tal-Kulleġġ San Benedittu, bit-titlu ***Health Hazards at Qrendi School Entrances.***

2.52 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Rose Buttigieg bit-titlu **Periklu.**

2.53 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Rose Buttigieg bit-titlu **Grazzi.**

2.54 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Moira Camilleri bit-titlu **Wied iż-Żurrieq.**

2.55 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Charles Callus bit-titlu ***Qrendi Road.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***Żurrieq.***

2.56 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Paul Farrugia dwar Servizz tal-Arriva.

2.57 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Froukje de Jong bit-titlu ***Visit.***

2.58 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Deborah Mifsud bit-titlu **Bozza Triq San Nikola.**

2.59 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sna. Kurstie Borg bit-titlu ***Query.***

## 3. BINI AMMINISTRATTIV ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI

3.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Perit Henry Attard lesta l-pjanti kollha kif ukoll il-*bill of quantities* min-naħa tiegħu bħala stima.

3.2 Qal li l-ħsieb hu li fil-bidu ta’ Jannar 2014 toħroġ is-sejħa għall-offerti u x-xogħol jinbeda wara l-festa ta’ Santa Marija 2014, jiġifieri minn Settembru tas-sena d-dieħla.

3.3 Żied li x-xewqa hi li sakemm tgħaddi s-seba’ leġiżlatura dan ix-xogħol ikun lest u għaldaqstant dan il-proġett ikun inawgurat mill-Kunsill Lokali preżenti.

3.4 Is-Sindku spjega għaliex dan il-proġett huwa bżonnjuż ħafna fejn anke hemm il-ħsieb li jsir proġett ħolisitku li jkun jinkludi fih il-bandi ta’ Ġnien Nicolo’ Communet.

3.5 Qal li fil-preżent m’hemmx flus allokati għall-bandli imma l-Kunsill se jkun qed jevalwa kull possibilita’ sabiex japplika għall-fondi u dawn il-bandli jsiru mill-ġdid.

## 4. *BYE LAWS* MILL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ippreżenta l-*bye law* dwar l-użu ta' Misraħ il-Maqluba għal attivitajiet diversi.

4.2 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li hemm bżonn li jiġu riveduti ċertu rati b'mod speċjali jekk isir riċeviment ta' tieġ komplut.

## 5. RAPPORT TA' ĦIDMA MILL-KUNSILLIERI – APRIL SA SETTEMBRU

### 5.1 David Schembri – Sindku

5.1.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu attenda għal diversi laqgħat f'isem il-Kunsill Lokali tal-Qrendi. Qal li fost dawn il-laqgħat, kien hemm minnhom li attendew anke xi Kunsillieri bħal-laqgħat mal-Onorevoli Ministru Perit Karmenu Vella, l-Onorevoli Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg, l-Onorevoli Ministru Joe Mizzi u l-Onorevoli Perit Toni Bezzina.

5.1.2 Qal li saret laqgħa mal-MEPA dwar il-kwalita' tal-arja. Semma' kif l-intervent tiegħu f'din il-laqgħa kien dwar *dust pollution* li jolqot ħafna lil raħalna.

5.1.3 Semma' kif saret l-esebizzjoni tal-InfoNitrates kif ukoll saret laqgħa ma' Natura 2000 dwar il-Maqluba u l-kosta minn fejn jidħol Wied iż-Żurrieq sal-Magħlaq.

5.1.4 Spjega kif saru wkoll diversi laqgħat mal-Ministeru għat-Turiżmu dwar itinerarji għan-naħa t'isfel ta' Malta.

5.1.5 Qal li min-naħa tiegħu attenda għal-laqgħat kollha li saru mir-Reġjun tan-Nofsinhar, tal-GAL Xlokk kif ukoll il-laqgħat tas-Sindki u l-Viċi-Sindki.

5.1.6 Is-Sindku tkellem ukoll dwar iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi għamlet fir-raħa ta' Ficulle, l-Italja. Żied li min-naħa ta' Ficulle saret applikazzjoni sabiex membri tal-Kunsill u residenti Qrendin iżuru Ficulle, possibilment f'April 2014.

5.1.7 Semma' wkoll kif l-istess delegazzjoni marret fil-belt ta' Leeuwarden, l-Olanda wara stedina uffiċjali minn din il-belt. Qal li din kienet esperjenza sabiħa u b'saħħitha ħafna. Spjega kif bl-għajnuna tal-viżta tagħna, l-belt ta' Leeuwarden rebħet id-dritt sabiex tkun il-Belt Kulturali Ewropea fl-2018 flimkien mal-Belt Valletta.

5.1.8 Fl-aħħarnett is-Sindku tkellem dwar il-ktieb li l-Kunsill Lokali jixtieq joħroġ taħt Miżura 313. Qal li dan il-ktieb hemm bżonn li jiġi rranġat ħafna imma jittama li sa Marzu 2014 dan ikun ippublikat.

5.2 **Charles Zerafa – Viċi-Sindku**

5.2.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa ħejja rapport tax-xogħol li sar min-naħa tiegħu tul dawn l-ewwel xhur tas-seba' leġiżlatura.

5.2.2 Dan ir-rapport jinsab anness ma' dawn il-Minuti bħala Appendiċi A.

5.3 **Daniel Farrugia – Kunsillier**

5.3.1 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li min-naħa tiegħu tkellem mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart domestiku u separat, kif ukoll mal-kuntrattur tal-knis sabiex jieħu idea aktar ċara tax-xogħol kif inhu miexi.

5.3.2 Qal li fl-opinjoni tiegħu bħala ndafa r-raħal huwa miżmum tajjeb u l-ilmenti min-naħa tar-residenzi huma mill-inqas.

5.4 **Daniela Farrugia – Kunsillier**

5.4.1 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li saret ħarġa għall-i*Splash & Fun* fejn

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

għaliha attendew numru sabiħ ta' żgħażagħ.

5.4.2 Qalet li ħadmet sabiex isiru aktar *dog bins* madwar ir-raħal u dawn għandhom jibdew jitwaħħlu fil-ġimgħat li ġejjin.

5.4.3 Żiedet li fil-futur se jkunu organizzati aktar attivitajiet b'mod speċjali li jkunu immirati għaż-żgħażagħ.

5.5 **Olympia Sant – Kunsillier**

5.5.1 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li attendiet għal-laqgħa tal-bereġ tas-saħħa u s'issa diġa' għamlet indaġni fuq il-berġa tal-lokalita' tagħna.

5.5.2 Qalet li minħabba x-xogħol tagħha ma tkunx tista' tattendi ċertu attivitajiet u laqgħat li jkunu matul l-għodwa.

5.5.3 Żiedet li flimkien mal-Viċi-Sindku kien organizzat kors tal-kompjuter matul ix-xhur tas-Sajf u li minn Ottubru li ġej se jkunu prganizzati l-korsijiet tal-parċmina u l-bizzilla.

5.5.4 Semmiet ukoll kif il-Kunsill Lokali ħa sehem b'qoffa tal-frott fil-Palazz tal-President f'Mejju li għadda kif ukoll flimkien mas-sotto-kumitat tagħhom marru fid-dar tal-anzjani San Vinċenz sabiex iżuru b'mod speċjali lill-anzjani Qrendin.

## 6. JUM IL-QRENDI

6.1 Is-Sindku David Schembri qal li lura fis-snin kien jiġi organizzat Jum il-Qrendi.

6.2 Qal li maż-żmien din l-attivita' twaqqfet, biss qiegħed jinħass il-bżonn li din l-attivita' terġa' tingħata l-ħajja.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

6.3 Semma' kif għandu jsir sotto-kumitat li jieħu ħsieb Jum il-Qrendi u ppropona li l-Viċi-Sindku Charles Zerafa jkun qiegħed imexxi dan is-sotto-kumitat.

6.4 Żied li hu jixtieq li jibqa' indipendenti minn dan is-sotto-kumitat bħala Sindku.

6.5 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* mal-proposta li l-Viċi-Sindku jkun qiegħed imexxi dan il-kumitat.

6.6 Is-Sindku spjega kif l-ewwel biċċa xogħol tas-sotto-kumitat trid tkun sabiex isiru linji gwida dwar kif se jibda jingħata Ġieh il-Qrendi.

## 7. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

7.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali rċieva ittra mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li kienet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex tingħata għajnuna finanzjarja minħabba l-*live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali.

7.1.1 Qal li fil-ġimgħat li ġejjin se tkun qed tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

7.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kors tal-Monasteru li kien isir fil-lokalita' tagħna.

7.2.1 Qal li s-sena li għaddiet ma waslitx l-għajnuna mil-*Lifelong Learning* u l-miżata ta' attendenza għal dan il-kors inqasmet bejn il-Kunsill Lokali u l-parteċipanti wara ftehim mal-għalliema.

7.2.2 Żied li għal sena oħra, dan il-kors ma ġiex offrut mil-*Lifelong Learning* fuq il-bażi li m'hemmx fondi biżżejjed sabiex dan isir ġewwa l-Qrendi wkoll.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.2.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali ma jistax jibqa' jisponsorja ċertu korsijiet u oħrajn le. Dan peress li qegħdin isiru talbiet diversi għal parteċipazzjoni f'korsijiet oħra.

7.2.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon spjega l-ammonti li dawn il-korsijiet kienu qed jiġu jiswew lill-Kunsill Lokali.

7.2.5 Qal li fi kważi sentejn dan il-kors tal-Monasteru ġie jiswa lill-Kunsill Lokali madwar €1,500 fi *sponsorship*.

7.2.6 Il-Kunsill Lokali qabel *nem. con.* li dan il-kors ma jistax jibqa' jiġi sponsorjat mill-Kunsill Lokali u l-miżata għandha titħallas kollha mill-parteċipanti stess.

7.3 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-kors tal-*aerobics*.

7.3.1 Qal li l-ideali tkun jekk tinżamm *minimal fee* sabiex wara tingħata lill-iskola primarja speċjalment jekk se nkunu qed nużaw l-istess skola.

7.3.2 Il-Kunsillier Olympia Sant qalet li l-Kunsill Lokali għandu jieħu €1 għal kull lezzjoni li mbagħad jingħataw lill-iskola primarja.

7.4 Is-Sindku tkellem ukoll dwar talba li kellu sabiex individwu partikolari jibda jieħu ħsieb in-niċċa tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab f'Wied iż-Żurrieq.

7.4.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li jekk kemm-il darba din se tingħata lil xi ħadd biex jieħu ħsiebha, irid ikun hemm numru ta' restrizzjonijiet fuq dak li jista' jsir fuq din in-niċċa.

7.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li fl-opinjoni tiegħu għandu anke jsir kuntratt għal numru ta' snin ħalli din in-niċċa tibqa' propjeta' tal-Kunsill Lokali u ma ssirx propjeta' ta' xi individwu jew individwi.

7.5 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ppreżenta ritratti li kienu mogħtija lilu minn resident partikolari dwar l-istat ta' Triq is-Siġġiewi.

7.5.1 Is-Sindku qal li diġa' tkellem ma' dan l-individwu partikolari flimkien

m'oħrajn u qal li din it-triq ma tistax issir mill-Kunsill Lokali waħdu. Dan minħabba l-ammont kbir ta' fondi meħtieġa u fejn irid ikun hemm għajnuna mingħand il-Gvern Ċentrali.

7.6 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa qal li fil-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jippreżenta lista ta' nies li se jkun membri fis-sotto-kumitat tal-Festival Agrarju tal-Patata 2014.

7.7 Qal li f'Ottubru hemm il-ħsieb li tiġi organizzata ħarġa kulturali għall-pubbliku bil-prezzijiet se jkunu simili għal dawk tas-soltu.

7.8 Il-Viċi-Sindku tkellem ukoll dwar ix-xahar ta' Diċembru.

7.8.1 Qal li hemm il-ħsieb li f'dan ix-xahar tittella' wirja ta' presepji fis-sala tal-Kunsill Lokali.

7.8.2 Qal ukoll li s-Sibt 21 ta' Diċembru, hemm il-ħsieb li bħala Kunsill Lokali jorganizza attivita' għan-nies tal-Qrendi.

7.8.3 Din l-attivita' tkun tikkonsisti f'li l-binja tal-Kunsill Lokali tkun miftuħa għal kulħadd u matul il-ġurnata jinbiegħu affarijier relatati mal-Milied u l-qliegħ minnhom imur kollu għad-Dar tal-Providenza.

7.8.4 Żied li jkun ideali jekk il-Kunsill Lokali jaħseb dwar ikla tal-Milied għar-residenti.

7.8.5 Qal li huwa minnu li jkun hawn diversi għaqdiet li jorganizzaw l-ikliet tagħhom imma tkun xi ħaġa sabiħa jekk il-Kunsill Lokali jorganizza ikla min-naħa tiegħu.

7.9 Il-Viċi-Sindku tkellem dwar mera li kien hemm fi Triq Ħas-Sejjieq u li kienet inqalgħet meta kien qed isir il-proġett fi Triq Ħaġar Qim.

7.9.1 Qal li wasal iż-żmien li din il-mera terġa' titwaħħal.

7.10 Fl-aħħarnett il-Viċi-Sindku semma' l-paġna elettronika tal-Kunsill Lokali.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

7.10.1 Qal li din ilha għal diversi xhur ma' taħdem u l-uniku sit li qed jaħdem huwa dak li hemm abbinat mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali.

7.10.2 Semma' kif fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qegħdin jiġu evalwati xi proposti dwar paġna elettronika tal-Kunsill Lokali.

## 8. FINANZI

8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €39,301.25c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 09/13 u €75.60 skont il-*Petty Cash* Ref Q/08.

8.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

8.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill qabel *nem. con*.

## 9. AĠĠORNAMENT

9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 30 ta' Ottubru fil-5:30pm

________________________ ________________________

**Chris Falzon** **David Schembri**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**